# MARL

# Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 10

### Ottubru 2006

# Fiċ-Ċentru mhux




# permess tipjip

## Mill-Editur

Ħbieb,
Għal darb'oħra nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Ottubru 2006 li hija l-10 ħarġa ta' din is-sensiela.

Nittama li ssibu xi ħaġa li tkun ta' interess għalikom f'kull ħarġa.

Tajjeb li tkunu tafu li bħala Kumitat kellna daqsxejn xogħol minħabba allokazzjoni li kienet se tingħata fuq il-frekwenza ta' l-10Għz lill-istazzjon kummerċjali Super1 permezz ta' One Productions.

Li ġara kien li waqt li qabel kellhom il-ħoloq mill-istudju fuq certi frekwenzi li ttieħdu għat-telefonija ċellulari, kellhom jingħataw frekwenzi oħra.

Min-naħa ta' l-Awtorita' Maltija tat-Telekomunikazzjoni, huma kienu sejrin jingħataw frekwenzi fuq l-10 Għz li kienu se jikkaġunaw li toħoloq interferenza bejn l-istazzjon u d-dilettanti tar-radju.

Meta l-Awtorita' ippubblikat l-avviż u sirna nafu bih mingħand Stanley, 9H1LO, aħna bħala kumitat mill-ewwel oġġezzjonajna kif ukoll saru oġġezzjonijiet minn dilettanti tar-radju oħrajn individwali.

Min-naħa l-oħra, Mansweto, 9H1GB u Jiena kellimna lil Dr Michael Vella Haber li huwa d-Direttur Maniġerjali ta' One Productions dwar din il-problema.

Dr Vella Haber fehem il-pożizzjoni u fissrilna wkoll kif huma kienu se jidħlu fi spejjeż żejda minħabba li kellhom jibdlu l-apparat li kellhom qabel minħabba d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' li tibdel il-frekwenzi u li huma kienu lesti li jaħdmu magħna biex jekk jista' jkun jingħataw frekwenzi oħra għaliex huma ma riedu jtellfu lil ħadd.

Wara komunikazzjonijiet ma' l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni minn Dr Vella Haber u l-Kumitat, kien ta' sodisfazzjon għal kulħadd li One Productions ingħataw frekwenzi barra mill-frekwenza 10 sa 10.5 Għz.

Hawnhekk inroddu ħajr lil Dr Vella Haber, lil Mansweto, lill-Kumitat kif ukoll lis-Sur Adrian Galea ta' l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni li l-affarijiet ġew irranġati għas-sodisfazzjon ta' kulħadd.

Dan kien eżempju ieħor tal-ħidma tal-kumitat li b'koperazzjoni ma dawk kollha interessati wasslet għal soluzzjoni li kienet ta' sodisfazzjon għal kulħadd.

Dan kien possibbli għaliex urejna l-għaqda bejnietna u kemm dawn il-frekwenzi jintużaw mid-dilettanti tar-radju Maltin u Għawdxin għal modi differenti ta' komunikazzjoni.

Għalhekk dejjem ninsistu biex kemm jista' jkun tużaw il-frekwenzi kollha li għandna għaliex kif dejjem jiġri, dak li ma tużax titilfu.

**Lawrence 9H1AV/9H9MHR**

## Twissija

**Irridu nwissu lil dawk li jistgħu jkunu sgwidati dwar min jista' jħaddem apparat tat-trasmissjoni fuq il-frekwenzi tagħna.**

**L-ebda dilettant tar-radju ma jista' jagħti l-apparat tiegħu lil persuna oħra, la jekk tkun Maltija u lanqas jekk tkun xi Ġermaniża li ma tkunx liċenzjata.**

**Aktar u aktar ħadd ma jista' jgħid fuq l-arja li qiegħed jgħaddi l-apparat tiegħu lil persuna oħra li ma tkunx liċenzjata u qiegħed jawtorizzaha biex tuża n-nominattiv tiegħu.**

**Min jagħmel hekk mhux biss juri li ma jafx ir-regolamenti, mhux biss ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa illegali għaliex huwa m'għandu assolutament l-ebda dritt u l-ebda awtorita' li jagħmel hekk, imma jkun qiegħed jistenna li tittieħidlu l-liċenzja u l-apparat tiegħu jiġi konfiskat.**

**Barra minn hekk, ħadd ma jista' jkellem lil xi persuna oħra li ma tkunx liċenzjata u li xi ħadd ikun għaddielha l-apparat tiegħu.**

**Nittamaw li din it-twissija jingħata każ tagħha ħalli ma jkunx hemm min jiddispjaċih.**

**Xi dilettanti tar-radju bil-liċenzja "B" staqsewna dwar l-arranġamenti biex dawk bil-liċenzja "B" jaħdmu fuq l-HF.**

**Aħna diġa' ktibna dwar dan, imma tajjeb li nerġgħu nfakkruhom ħalli ħadd ma jagħmel xi żball u jbati l-konsegwenzi.**

**Kull min għandu liċenzja "B" jista' jaħdem fuq l-HF imma ma jistax juża l-kodiċi Morse jekk huwa ma jkunx għadda mill-eżami tal-kodiċi Morse u jkun jista' japplika għal-liċenzja "A".**

**HUWA BILFORS IRID JIBQA' JUŻA N-NOMINATTIV TIEGĦU LI JIBDA BIL-PREFISS 9H5 SAKEMM MA JAGĦMILX U JGĦADDI MILL-EŻAMI TAL-KODIĊI MORSE.**

**Nagħmluha assolutament ċara li jekk huwa ma jkollux il-liċenzja "A" huwa ma jistax sempliċiment jibdel il-prefiss tiegħu minn 9H5 għal 9H1 għaliex jekk jagħmel hekk ikun ILLEGALI u jkun suġġett li jittieħdu l-miżuri kollha skond il-liġi kontra tiegħu.**

**Oqgħodu attenti ħalli tgawdu l-liċenzja tagħkom.**

**Lawrence 9H1AV/9HMHR**

## Aħbarijiet

### 136 kħz

Kif għidnilkom kemm-il darba, din il-frekwenza ingħatat lid-dilettanti tar-radju f'numru ta' pajjiżi biex jesperimentaw fuqha.

Dwar il-frekwenzi bejn il-135.7 – 137.8 kħz, il-IARU qed tfittex li s-servizz tad-dilettanti tar-radju madwar id-dinja jingħataw allokazzjoni taħt il-200 kħz.

Il-konsiderazzjonijiet huma li din il-frekwenza għandha karatteristiċi differenti minn dawk ta' frekwenzi aktar għolja, u hemm interess konsiderevoli fuq propagazzjoni fuq frekwenzi baxxi u esperimentar minn individwi.

Bħalissa m'hemmx allokazzjoni globali jew reġjonali mill-ITU għas servizz tad-dilettanti tar-radju fuq il-frekwenzi baxxi.

Il-"Grupp ta' Ħidma Risponsabbli" għat-tmexxija ta' studji ITU-R li għandu x'jaqsam mal-punt ta' l-aġenda 1.15 huwa WP 8A.

Studji bħal dawn huma mistennija li jinkludu l-interazzjoni potenzjali bejn is-servizz tad-dilettanti tar-radju u servizzi tar-radjukomunikazzjoni oħra.

Is-sitwazzjoni hija li l-isforzi koordinati mill-IARU Reġjun 1 wasslu biex f'Mejju 1997 ġiet adottata Rakkomandazzjoni 62-01 mill-Kumitat Ewropew tar-Radjukomunikazzjonijiet tas-CEPT.

Din ir-Rakkomandazzjoni tgħid li l-frekwenza bejn 135.7 sa 137.8 kħz tista' tintuża b'massimu ta' 1 watt e.r.p. fuq bażi sekondarja mis-servizz tad-dilettanti tar-radju f'pajjiżi CEPT.

Kif urejnikom qabel, hemm numru ta' pajjiżi li ilhom li taw l-awtorizzazzjoni lid-dilettanti tar-radju biex jużaw din il-frekwenza, imma hawn Malta għadna nistennew.

Kif għidnilkom ukoll aktar qabel, minħabba t-telfien kaġun ta' antenni prattiċi li nistgħu nużaw, biex ikollok 1 watt e.r.p. trid trasmettitur ta' qawwa ta' aktar minn 1 kw.

Nittamaw li ma ndumux nistennew is-snin biex ningħataw il-frekwenzi bejn 135.7 – 137.8 kħz.

## 500 kħz

Illum għandna aħbar li hija ta' aktar sodisfazzjon dwar il-500 kħz

Din hija li 23 dilettant tar-radju Amerikani li s-sena l-oħra kienu ingħataw permess biex jaħdmu fuq din il-frekwenza issa jistgħu jagħmlu dan.

Fil-fatt, huma ġew awtorizzati jibdew jużawha u bdew jaħdmu fuqha fit-13 ta' Settembru[1] u diġa' għamlu kuntatti ta' madwar 300 mil fuq is-CW[2].

Kif tafu, hawn Malta aħna diġa' ppruvajna biex ningħataw din il-frekwenza, imma nfakkrukom li t-tweġiba kienet li jekk l-ITU talloka din il-frekwenza lid-dilettanti tar-radju, l-awtoritajiet Maltin iqisu allokazzjoni favorevolment.

Tajjeb li issa ngħidulkom x'qed tgħid il-IARU li qed tfittex li d-dilettanti tar-radju jingħataw allokazzjoni sekondarja fuq din il-frekwenza.

Il-konsiderazzjonijiet huma li din il-frekwenza kienet allokata għas-servizz tal-baħar għal sejħiet għall-għajnuna u sigurta' sa minn meta bdew jingħataw l-allokazzjkonijiet ta' l-ispettrum mill-ITU.

Avvanzi teknoloġiċi bħal ma huma il-GMDSS[3] ġabu l-kanal tal-500 khz mhux meħtieġ.

Għalhekk huwa żmien tajjeb li tiġi meqjusa allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju.

Din il-parti ta' dan l-ispettrum hija nteressanti għad-dilettanti tar-radju minħabba l-proprjetajiet ta' propagazzjoni uniċi tagħha, li jinkludu kemm il-mewġa ta' l-art kif ukoll dik riflessa mis-sema.

Il-proprjetajiet tagħha huma differenti biżżejjed minn dawk tal-frekwenzi baxxi u mill-frekwenza tal-160 metru.

Il-frekwenzi ta' nteress huma bejn 495 – 505 khz u/jew spettrum viċin fil-frekwenzi bejn 415 – 495 u 505 – 525 khz.

## 70 Mħz

Dwar l-aħbarijiet li kellna aktar qabel dwar din il-frekwenza, Hans Blondeel Timmerman PA7BT li kelli korrispondenza miegħu nfurmani li l-Olanda għad m'għandhomx allokazzjoni ta' din il-frekwenza.

Min-naħa l-oħra, qegħdin isiru ħafna kuntatti bejn stazzjonijiet li jużaw żewġ frekwenzi differenti, jiġifieri dawk li huma awtorizzati jużaw is-70 Mħz waqt li l-oħrajn jużaw il-50 Mħz.

Kif tafu aħna qegħdin nagħmlu dak kollu li nistgħu biex ikollna allokazzjoni ta' din il-frekwenza, imma bħal dejjem l-affarijiet biex jiċċaqilqu hawn Malta jieħdu żmien twil iżżejjed.

Tajjeb li nfakkru li l-Ingliżi ingħataw din il-frekwenza f'Novembru 1956 u għalhekk din is-sena jagħlqu 50 sena jużawha.

U hawn Malta? Għadna nistennew.

Tajjeb ukoll li tkunu tafu qed tfittex li d-dilettanti tar-radju jingħataw allokazzjoni fuq din il-frekwenza ta' mill-anqas 500 khz fuq bażi sekondarja.

Il-konsiderazzjonijiet huma li fil-pajjiżi fejn din il-frekwenza hija allokata, din hija wżata mid-dilettanti tar-radju għall-komunikazzjonijet lokali 24 siegħa kuljum, inkluż il-kontroll ta' affarijiet bir-radju.

Tferrix troposferiku u propagazzjonji permezz tal-mewġ rifless mis-sema (prinċipalment sporadika) huma wżati għal distanzi itwal, kif ukoll propagazzjoni mill-aurora minn latitudni aktar għolja.

[1]http://www.arrl.org/news/stories/2006/09/15/104/?nc=1
[2]http://www.arrl.org/news/stories/2006/09/26/101/?nc=1
[3] Globa Maritime Distress and Safety System

Tferrix mill-meteoriti kien użat għal komunikazzjoni bil-kodiċi Morse u bil-leħen primarjament matul żmien il-meteoriti.

Teknoloġija aktar ġdida msejsa fuq il-kompjuters tagħmel possibbli tifrix mill-meteoriti għal tul sa 2000 km.

Qed tiġi mfittxija allokazzjoni reġjonali għal reġjun 1, waqt li hemm numru ta' pajjiżi li awtorizzaw l-użu ta' din il-frekwenza jew parti minnha.

**Lawrence 9H1AV/9H9MHR**

## Informazzjoni Mappa Svediża

L-aħħar darba tajnikom mappa ta' l-Istati Uniti u ta' l-Italja li juru l-prefissi differenti li jintużaw fl-istati jew taqsimiet tal-pajjiż.




Illum qegħdin nagħtukom mappa ta' l-Isvezja li wkoll turi dawn id-diviżjonijiet. Din il-mappa hija meħudha minn fuq il-paġna ta' l-internet ta' l-Għaqda nazzjonali Svediża tad-dilettanti tar-radju, l-SSA.

Din hija ta' siwi wkoll għal dawk li jmorru għal xi btala l-Isvezja u jieħdu l-apparat magħhom.

| Distrett | Ismijiet tad-Distrett |
|---|---|
| 0 | Stockholm (A) |
| 1 | Gotland (I) |
| 2 | Västerbotten (AC)<br>Norrbotten (BD) |
| 3 | Gävleborg (X)<br>Västernorrland (Y)<br>Jämtland (Z) |
| 4 | Örebro (T)<br>Värmland (S)<br>Dalarna (W) |
| 5 | Uppsala (C)<br>Södermanland (D)<br>Östergötland (E)<br>Västmanland (U) |
| 6 | Halland (N)<br>Västra Götaland (O) |
| 7 | Jönköping (F)<br>Kronoberg (G)<br>Kalmar (H)<br>Blekinge (K)<br>Skåne (M) |

## Grimeton Stazzjon Uniku

La qegħdin nitkellmu dwar l-Isvezja, tajjeb li nġibu wkoll xi dettalji dwar SAQ, stazzjon li huwa l-uniku fid-dinja li għad għandu l-frekwenza tiegħu ġenerata minn alternatur Alexanderson.

Dan l-istazzjoni li kien inbena bejn is-sena 1922 u 1924 u kien żviluppat mill-inġinier Svediż Ernst Alexanderson, huwa magħruf bħala Grimeton Radio/SAQ u l-frekwenza tiegħu hija 17.2khz. Iva, 17.2khz.




L-antenna fiha 6 torrijiet ta' 127 metru 'l wieħed, bi spazju ta' 380 metru bejn kull wieħed, li huma wżati bħala antenni vertikali.




Il-frieghi ta' fuq huma wesgħin 46 metru, għandhom 8 fili tar-ramm bħala kapacita' u fl-istess ħin iwasslu s-sinjali lejn it-torrijiet.

Inbena ukoll villaġġ żgħir biex fih joqgħodu seba' familji ta' l-impjegati.

Kien beda jittrasmetti fl-1 ta' Diċembru 1924 fuq frekwenza ta' 16.1 kħż (18.6 km) li nbidlet għal 17.2 kħz (17.4 km).



Illum m'għadux jaħdem kummerċjalment, imma qiegħed jinżamm bħala stazzjon storiku, imma kull tant żmien jitħaddem ukoll.



L-aħħar li tħaddem kien "f'Jum Alexanderson" fit-2 ta' Lulju 2006 u rċevewh anki fl-Istati Uniti

Min irid jisimgħux u jibgħat xi rapport jista' jagħmel hekk fuq,
Alexander - Grimeton Veteranradios Vänner
Radiostationen Grimeton 72
S-430 16 Rolfstorp
Tel. +46 340-67 42 51
Fax. +46 340-67 41 95
E-mail: info@alexander.n.se
Paġna http://www.alexander.n.se

Dan l-istazzjon huwa dikjarat bħala post ta' wirt dinji.

Dettalji, ċirkwit u stampi mill-paġna ta' l-internet u dritt ta' l-istazzjon.

**Lawrence 9H1AV/9H9MHR**

# Linux u d-Delizzju tar-Radju

## It-tieni parti

- **Taqbel mas-sena 2000**

Iva, din fis-sewwa mhijiex kwistjoni ta' dilettanti tar-radju u kienet aktar ħmerijiet milli theddida, imma għandu jingħad li l-Linux iżżomm l-arloġġ tagħha indipendenti mill-arloġġ ta' l-apparat.

Linux, bħala riżultat li taqbel mal-POSIX, iżżomm il-ħin tagħha f'numru bi 32 biċċa u taħdem id-data billi tgħodd is-sekondi minn Jannar 01, 1970. Jingħad li dan huwa biżżejjed biex aġġornar tad-data ma jsirx qabel xi żmien fl-2038.

Sa dak iż-żmien, jekk inkunu għadna qegħdin nużaw il-Linux jew UNIX, m'hemmx dubju li jintuża arloġġ ta' 64 biċċa, li aktarx jibgħat l-aġġornar tad-data 'l quddiem bi ftit eluf ta' snin.

Dawn il-ħsibijiet bilkemm huma qatra f'oċean ta' l-għerf dwar il-Linux u u aktarx jistgħu jkunu ħafna aħjar.

Madankollu, jiena nittama li qajjimt iil-kurżita' tagħkom u li għallinqas tippruvaw il-Linux. Fis-sewwa m'għandkom xejn x'titilfu u ħafna pjaċir, avventura, u titgħallmu biex tiksbu.

L-iżvilupp tal-Linux mill-1998 ra avvanzi impressjonanti dwar il-faċilita' li biha t-tqassim Linux jista' jiġi stallat fuq il-kompjuter tiegħek.

Programmi ta' istallazzjoni saru sofistikati mhux ħażin meta mqabbla mal-kitbiet użati ftit snin qabel. L-għarfien ta' apparat u konfigurazzjoni tjiebu sal-punt l-apparat kollu ħlief l-aktar eżotiku għandu ċans tajjeb li jkun ikkonfigurat għas-sistema Linux tiegħek.

Li għad irid isir huwa li jinstab wisa' fil-magna tiegħek għal-Linux, partikolarment jekk inti għandek diska waħda maqsuma u sistema operattiva waħda installata.

Hemm numru differenti ta' kif dan jista' jsir u inti trid tikkonsulta d-dokumentazzjoni għat-tqassim[4] li inti trid tistalla għar-rakkkomendazzjonijiet tagħha

### Ibda bil-qari

Kulħadd iħobb li jikseb programmi ġodda u jistallahom mill-ewwel, mhux hekk? Jiena wieħed minnhom li jħobbu jistallaw l-ewwel u jaqraw wara, speċjalment meta jkun hemm problemi.

[4] Tqassim – distribuzzjonijiet, f'dan il-każ il-programmi Linux li trid tistalla

L-istallar tal-Linux jinħtieġ ippjanar speċjalment jekk inti trid tistallaha flimkien mad-DOS/Win fuq id-diska tal-kompjuter tiegħek (aktar fuq dan aktar l-isfel).

Referenza tajba biex issir familjari ma' l-għażliet ta' istallazzjoni Linux Bash (il-qoxra tal-linja ta' kmand) kmandi u sintassi, u kif huwa t-tqassim tas-sistema tal-files ta' l-istallazzjoni GNU/Linux[5] u Kif tibda minn Matt Welsh, u oħrajn.

Din il-gwida tinstab f'formati differenti inklużi Post Script, HTML, PDF għal Qarrej Acrobat, u test fuq il-paġna tad-Dokumentazzjoni tal-Proġett Linux[6].

Il-gwida jagħti dettalji dwar l-istallazzjoni Linux bħala t-tieni sistema operatorja, kif tqassam id-diska tal-kompjuter u kif tagħżel liema sistema operattiva tixhel.

Dan il-manwal huwa parti mill-Proġett ta' Dokumentazzjoni Linux[7] u l-post tagħhom huwa dak li jaċċetta d-dokumentazzjoni Linux. Sfortunatament, dan id-dokument m'għadux jiġi aġġornat u jidher li ġie mibdul minn ***Kif Tħaddem il-Linux*** infisser hawn taħt.

Żjara lil ħanut tal-kotba tal-kompjuter favorit tiegħek għandha tagħtik għażla at numru ta' kotba tajbin fuq il-Linux.

Xi ftit mill-aħjar kotba fuq l-għodda tal-Linux u UNIX huma ppubblikati minn O'Reilly u Sħabu[8]. **Kif Tħaddem il-Linux**[9] huwa wieħed mit-titoli tagħhom.

Issa fir-raba' edizzjoni tiegħu, Kif Taddem il-Linux kien aġġornat f'Diċembru 2002 u huwa r-rakkomandat ħafna bħala referenza tajba biex titgħallem l-affarijiet bażiċi ta' kif taħdem f'sistema msejsa fuq is-sistema Linux.

Meta tfittex għal ktieb f'ħanut tal-kotba, ipprova sib wieħed li fiħ il-versjoni 2.4.x. jew aktar tard tal-kernel.

Kif inhu u l-konfigurazzjoni nbidlet konsiderevolment mis-serje tal-kernel 2.0.x u 2.2.x, speċjalment dwar il-kodiċi tax-xogħol tas-sistema, modulu ta' kernel ġdid daemon, u numru ta' affarijiet ġodda u mtejba.

Jekk qiegħed tuża sett ta' ċippi ta' mainboard aktar ġdida u/jew video card AGP, jew USB, is-suġġeriment tiegħi huwa li tuża 2.4.21 jew ta' aktar tard għas-sostenn ta' dawn l-apparat jew inti tisdta' tipprova wieħed mis-serje kernel 2.6 (jekk inti kuraġġjuż!). Jidher li s-sostenn għall-AX.25 kernel 2.6 huwa mtejjeb ħafna fuq is-serje 2.4. O.K. ibdew aqraw.

## Tagħżel Tqassim

Għal għejjun ħafna aħjar fuq tqassim kurrenti, ipprova l-Lista taċ-Ċentru ta' Tqassim Linux LWN[10] mill-Aħbarijiet Linux ta' kull ġimgħa[11].

Sa mill-1999, meta dan kien oriġinarjament miktub, it-tqassim inbidel xi ftit. Minn dak iż-żmien Caldera sparixxiet mix-xena wara li xtrat SCO u nqasmet f'żewġ kumpaniji, Caldera u Lineo. Lineo issa ssejjaħ lilha nfisha Metrowerks u tikkonċentra fuq sistemi ta' programmi msejħa embedded[12] u Caldera issa hija l-Grupp SCO li qed tifttex lil kulħadd għal kwalunkwe raġuni.

Corel irtirat għal kollox mil-Linux. Slackware issa marret għaliha u Wallnut Creek jidher li ttieħdet minn Simtel[13].

Debian baqgħet waħda mill-aħħar milli jqassmu l-programmi li salvat mill-ewwel żmienijiet, l-oħra hija Slackware.Red Hat waqqfu t-tqassim tagħhom fi tqassim sostnut f'kommunita' msejħa Fedora[14] li qed tippjana li tinvolvi l-komunita' biex tibni l-bażi ta' l-Intrapriża Linux Red Hat. S.u.S.E ftit ilu nxtrat minn Novell. Dan li ġej jibqa' bħala informazzjoni.

---

[5] http://www.tldp.org//LDP/gs/gs.html
[6] http://www.tldp.org/guides.html
[7] http://www.tldp.org/
[8] http://www.oreilly.com/
[9] http://www.oreilly.com/catalog/runux4/

[10] http://lwn.net/Fdistributions/
[11] http://lwn.net/
[12] jiġifieri li huma parti mis-sistema nfisha
[13] http://www.simtel.net/
[14] http://fedora.redhat.com/

Kontra l-MS-DOS, il-varjetajiet tal-MS Windows, jew SO Mac (sa u tinkludi X), is-sistema operattiva Linux tinstab f'numru ta' varjetajiet imsejħa tqassim.

L-aktar tqassim popolari huma żviluppati, ippakkjati, u mibjuha minn entitajiet kummerċjali (iva dan huwa mħolli taħt it-termini tal-Liċenzja Pubblika GNU għall-Programmi b'Xejn li huma jinkludu).

Dawn huma ftit mit-tqassim maġġuri kurrenti f'ordni alfabetika.

**Debian GNU/Linux**[15] huwa t-tqassim uffiċjali tas-sistema operattiva tal-**Proġett GNU**[16] li juża l-kernel Linux (Debian isostni wkoll il-kernel GNU Hurd[17]).

Il-grupp ta' żviluppar huwa grupp ta' voluntiera dedikat biex jipproduċu sistema ta' tqassim Linux kompluta msejsa fuq Programmi b'Xejn.

Is-sinjifikat ta' din l-inpriża huwa li waqt li Debian ma jqassmux direttament it-tqassim tagħhom fuq ĊD-ROM, il-bejjiegħa tas-ĊD Rom sikwit jagħtu parti mill-qligħ tagħhombiex isostnu lil Debian u proġetti GNU oħra.

Minħabba li dan it-tqassim huwa l-uniku wieħed żviluppat minn organizzazzjoni li ma tagħmilx qligħ[18], hija denja tas-sostenn ta' dawk minna li huma kommessi għall-ħsieb ta' Programmi b'Xejn.

Jiena bħalissa qiegħed naħdem fuq Provi Debian, magħrufa wkoll bħala Sarge, u sodisfatt mis-sistema. Debian toffri dispożizzjoni[19] li huwa programm ta' prova ta' skreen sħiħ għall-immaniġġjar tal-pakkett. Flimkien ma' apt[20] (programm li jerġa' jġib pakkett) u dpkg[21] dispożizzjoni li jħalli li żżomm is-sistema aġġornata ma' l-aħħar ħruġ ta' sigurta'.

[15] http://www.debian.org/
[16] http://www.gnu.org/
[17] http://www.gnu.org/software/hurd/hurd.html
[18] http://www.debian.org/intro/about
[19] http://packages.debian.org/testing/admin/aptitude
[20] http://packages.debian.org/testing/base/apt
[21] http://packages.debian.oeg/testing/base/dpkg

Debian hija magħrufa għas-sistema ta' pakkeġġjar tagħha li hija tant sħiħa u stabbli li sistemi normalment jistgħu jiġu aġġornati għall-aħħar ħarġa billi terġa' tixhel l-aktar darba waħda (biex tibda l-aħħar kernel jekk tixtieq).

Diletanti tar-radju jsibu li Debian hija tqassim tajjeb biex jużawha minħabba li l-AX.25 u pakketti oħra huma l-ħin kollu aġġornati għall-aħħar ħruġ.

Jekk huwa fl-aħjar biex tagħmlu kif trid, imbagħad **Gentoo Linux**[22] jista' jogħġbok.

Dan huwa tqassim li jibni l-għajn u jistalla l-pakkett fuq il-kompjuter tiegħek li jħalli kontroll għal kollox u li tagħmel is-sistema tiegħek kif tixtieq.

Artiklu tajjeb dwar Gentoo deher ftit ilu fuq l-Aħbarijiet ta' kull Ġimgħa tal-Linux[23].

**Knoppix**[24] u fergħat tagħha, **Gnoppix**[25] u **Morphix**[26], huma immaġini ħajja fuq ĊD-ROM lesti biex tixhelhom u tħaddimhom. Il-vantaġġ ta' dan it-tqassim huwa li ma tinħtieġx istallazzjoni. Inti sempliċiment ittellaħhom minn fuq iċ-CD u inti għandek sistema taħdem tal-Linux.

Knoppix kienu tassew għaqlin bl-għarfien ta' apparat. It-tlieta li huma huma msejsa fuq Debian u jistgħu jiġu stallati fuq id-diska tal-kompjuter imbagħad aġġornati mill-arkivju ewlieni Debian. Huwa mod tajjeb biex tipprova sistema Linux.

**Mandrake**[27] ilha magħna xi ftit tas-snin u rċeviet bidu tajjeb billi sejset l-ewwel ħruġ tagħha fuq versjoni riċenti ta' Redhat. Mandrake kabbret it-tqassim Redhat b'ħafna modi u ġabret bażi kbira u favorevoli ta' dawk li jużawha. Sfortunatament Mandrake falliet is-sena li għaddiet imma għadha qiegħda tiġġieled.

[22] http://www.gentoo.org
[23] http://lwn.net/Articles/59138/
[24] http://www.knoppix.de/
[25] http://www.gnoppix.org
[26] http://morphix.sourceforge.net/
[27] http://linux-mandrake.com/

**Redhat**[28] hija tqassim kummerċjali ta' Linux. Redhat qed tpoġġi l-prodott tagħhom lejn il-kummerċjanti nteressati li jużaw il-Linux fiċ-"Ċentru tad-Data ta' l-Intrapriża".

Redhat hija famuża għall-Pakkett Manaġer Redhat li jagħmel l-istallar u t-tneħħija tal-programmi faċli. Pakketti ta' programmi li l-ismijiet tagħhom jispiċċaw .rpm jistgħu jintużaw mal-Redhat. Pakketti oħra jistgħu ukoll, imma trid tagħmilhom manwalment.

**Slackware**[29] huwa wieħed mit-tqassim fost dawk li jħobbu "jagħmlu huma". Slackware huwa popolari ma dawn minna li għandhom xeħta ta' ħacker[30] għaliex hija aktar sistema li tagħmilha inti stess.

Anki jekk il-kurvatura ta' tagħlim hija aktar wieqfa minn dik assoċjata ma ħafna tqassim ieħor, fuq tul ta' żmien inti tirbaħ billi titgħallem is-sistema Linux tiegħek tajjeb ħafna u inti tkun tista' tirranġa dawk ilp-problemi żgħar li jqumu.

**S.u.S.E**[31] hija tqassim mill-Ġermanja. SuSE tinkludi dik l-għodda kollha u applikazzjonijiet li wieħed jistenna minn tqassim kummerċjali bħal issa. SuSE tgħid li hija unika minħabba fl-għodda ta' amministrazzjoni tagħha Yast.

SuSE tista' tkun ukoll għażla tajba għad-dilettant tar-radju li jqis il-Linux minħabba li t-traffiku fuq il-listi ta' posta tad-dilettanti tar-radju juru li hemm min attivament qiegħed iżomm jaħdmu affarijiet AX.25 bl-aħħar tqassim ta' SuSE.

**Nota**. *SuSE kienet akkwistata minn Novell fl-aħħar tas-sena 2003 u b'hekk għad irridu naraw x'se jiġri lis-sostenn għad-dilettanti tar-radju tagħha.*

Din hija kampjun ta' xi wħud mit-tqassim popolari bħal issa. Aktar li fix-xhur li ġejjin tqassim tajjeb ikun aħbarijiet tal-bieraħ.

[28] http://www.redhat.com/
[29] http://www.slackware.com/
[30] Ħacker huwa dak li jħobb jidħol fil-programmi jew kompjuters ta' ħaddieħor
[31] http://www.suse.com/

Fl-istorja qrib Mandrake marret minn ħsiebijiet għal waħda mill-aqwa tqassim imbagħad għall-falliment. Mandrake hija unika billi bdiet ma u saret waħda mill-estensjonijiet magħrufa sewwa ta' bħal issa.

Il-"bidu b'ġirja" m'hijiex ġdida fid-dinja tat-tqassim Linux u biex ngħidu dak li qal xi ħadd "biex tilħaq aktar għoli wieħed irid joqgħod fuq spallejn il-ġganti (O.K aktarx li dak ma kienx ġust mal-frażi oriġinali).

Biex ikollkom idea tal-kobor tat-tqassim Linux bħal issa araw l-Aħbarijiet Linux ta' Kull Ġimgħa u morru fuq il-ħolqa ta' Tqassim[32].

Għal kull għajnuna u nformazzjoni dwar il-Linux u r-Radju tad-Dilettanti ikkuntattjaw lil Stanley 9H1LO[33].

L-artiklu sħiħ jinsab fuq il-paġna ta' l-internet tal-MARL taħt is-sezzjoni ta' l-Artikli.

## Biex Issib il-Posizzjoni

Biex wieħed isib il-pożizzjoni eżatta tad-dar tiegħu f'termini ta' latitudni u lonġitudni jista' juża numru ta' mezzi.

Qabel wieħed kien jista' juża s-sextant li bih kont tista ssib il-pożizzjoni permezz tax-xemx, qamar jew kwiekeb.

Biex tużah tajjeb kont trid tistudja mhux ħażin u tkun tajjeb sew fil-matematika.

Fiż-żmienijiet tal-lum wieħed jista' juża wkoll strument imsejjaħ navigatur tas-satelliti li permezz tas-satelliti jsib il-pożizzjoni.

Dan huwa aktar faċli li tħaddmu milli tħaddem is-sextant għaliex m'għandikx bżonn matematika.

Madankollu, kemm is-sextant kif ukoll in-navigatur tas-satelliti jiswew il-flus, għalkemm il-prezz tan-navigatur tas-satelliti llum naqas sewwa.

[32] http://www.lwn.net/
[33] stanley@9h1lo.net

Illum tistgħu tidħlu fuq paġna ta' l-internet fejn issibu kalkulatur li tagħtuh l-indirizz u jagħtikom il-pożizzjoni eżatti f'lonġitudni u latitudni.

Jiena ppruvajtu u sibt li huwa raġonevoli ħafna.

Din il-paġna hija,
http://www.stevemorse.org/jcal/latlon.php

Ippruvawh u taraw.

**Lawrence 9H1AV/9H9MHR**

## Ċavetta Awtomatika

Nixtiequ nghidulkom li Stanley, 9H1LO, ghamel cirkwit ta' apparat li jintuża biex iħaddem it-trasmettitur waħdu u jibgħat in-nominattiv ta' l-istazzjon.

Dan ifisser li wieħed ikun jista' jħalli t-trasmettitur jitħaddem waħdu waqt li huwa jkun qiegħed jagħmel xi esperimenti oħra jew jara kif it-trasmettitur tiegħu jkun jinstema'.

Dan juża ċirkwit integrat imsejjaħ PIC li Stanley offra li jipprogramma bin-nominattiv ta' min ikun interessat. Il-prezz huwa ta' Lm6 u Stanley joffri Lm1 għall-MARL għal kull ċirkwit integrat li jipprogramma.

Għal dawk li jridu jipproggrammaw il-PIC huma, Stanley lest li jipprovdilhom il-programm hex bin-nominattiv tagħhom b'xejn.

Stanley lest li jekk ikun hemm talba biżżejjed, Stanley lest li joffri wkoll il-komponenti kollha inkluż iċ-ċirkwit stampat biex wieħed ikun jista' jagħmlu mingħajr diffikulta'.

Dan jista' jsir bħala proġett tal-MARL li min irid ikun jista' jibnih iċ-Ċentru jew jekk irid ikun jista' jibnih id-dar.

Minħabba diffikulta biex inġibu ċ-ċirkwit stampat u c-ċirkwit tiegħu fuq dan il-fuljett, dawn jinsabu fuq il-paġna ta' l-internet ta' Stanley. Il-paġna ta' l-internet ta' Stanley hija http://www.9h1lo.net

Huwa tassew li wieħed jista' juża l-kompjuter tiegħu biex jagħmel l-istess xogħol, imma b'dan l-apparat ma tkunx qiegħed torbot il-kompjuter tiegħek b'din il-ħidma.

Illum meta kulħadd qiegħed jixtri kollox lest għandna nieħdu din l-opportunita' ħalli b'hekk inkunu għamilna xi parti mill-apparat tagħna aħna stess.

## Il-Jamboree ta' l-Iscouts

Il-jamboree ta' l-iscouts huwa programm li l-iscouts jagħmlu kull sena fejn huma jitgħallmu jikkomunikaw bir-radju u llum anki bl-internet.

Il-Jamboree kienet idea ta' Les Mitchell, G3BHK, li kien għamel ir-regolamenti tiegħu waqt li l-jamboree sar l-ewwel darba fl-1958.

Minn dak iż-żmien dejjem żied fil-popolarita' tiegħu, tant li llum insibu li jieħdu sehem fih madwar nofs miljun scout f'aktar minn 100 pajjiz.

Din l-attivita' jieħdu sehem fiha madwar 10,000 dilettant tar-radju li jipprovdu l-apparat tal-komunikazzjoni ta' l-istazzjon tagħhom.

Din is-sena, il-jamboree se jinżamm mis-Sibt 21 ta' Ottubru 0001 sal-Ħadd 22 ta' Ottubru 2359 **ħin lokali**.

Minħabba ż-żoni tal-ħinijiet differenti madwar id-dinja, l-atttivita' tibda mill-Ġimgħa 20 ta' Ottubru u tibqa' sejra sat-Tnejn 23 ta' Ottubru.

Bħal drabi oħra, il-MARL sejra tieħu sehem f'din l-attivita' billi tarma numru ta' stazzjonijiet f'Baħar iċ-Ċagħak fejn se jkunu jikkampjaw l-iscouts.

Din l-attivita' qegħda tissemma wkoll fil-kaxxa ta' l-attivitajiet tal-MARL fil-paġna li jmiss.

Għaldaqstant inħeġġukom biex tieħdu sehem u tikkomunikaw ma' Ivan jew George ħalli jkunu jafu bikom.

Jekk tridu tistgħu wkoll tkellmuhom mid-dar tagħkom. Kunu ċerti li tużaw il-proċedura tajba u tkunu ta' eżempju għall-iscouts li jistgħu jsiru dilettanti tar-radju fil-futur.

Hemm numru ta' frekwenzi li se jintużaw hawn Malta li se jkunu fuq l-HF, VHF, UHF u anki bl-echolink.

Issemmgħu u ħbiebna li jkunu qegħdin joperaw fil-jamboree jieħdu pjaċir li jkellmukom.

## Avviżi tal-MARL

**Inbid u Pizza nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ottubru 2006 fiċ-Ċentru tal-MARL mis-7.00 ta' filgħaxija 'l quddiem.**

**Ejjew u ġibu n-nisa u l-familja jew il-ħbieb tagħkom u ħudu pjaċir.**



**Prezz Lm2 kull persuna.**

**Min irid jiġi għandu javża lil George**



**jew lil xi membru ieħor tal-Kumitat sa nhar il-Ħadd 15 ta' Ottubru 2006 ħalli ma jiddiżappuntax ruħu.**



**Jekk tikkuppjaw l-istampa fuq il-front page tal-microsoft taraw lil George jahdem.**

## Għerf

**Aħjar ħieles u ssuq il-ħnieżer milli lsir u ssuq iż-żwiemel.**

**Din jingħad li ntqalet minn wieħed mill-Cato's li kienu għorrief Rumani.**

## Attivitajiet fil-MARL

**Nhar is-Sibt 21 sal-Ħadd 22 ta' Ottubru il-MARL se tieħu sehem fil-Jamboree ta' l-iscouts.**

**Matul il-Jamboree, l-iscouts jikkomunikaw ma' scouts oħra madwar id-dinja permezz tar-radju u ta' l-internet.**

**Din il-ħidma se ssir minn Baħar iċ-Ċagħak u tibda mis-Sibt fil-għodu kmieni u tibqa' sejra sal-Ħadd wara nofs in-nhar.**

**L-ikel qiegħed jiġi pprovdut mill-iscouts**

**Min irid jieħu sehem f'din l-attivita' kif ukoll għal dettalji għandu javviċina lill-Ivan jew lil George minnufih.**

### Għandek diffikulta' biex titgħallem il-kodiċi Morse?




"We've discovered a new high-speed way to learn the code! This shot will make you a 25-word-per-minute man immediately!"

(misjuba fuq paġna ta' l-internet)

Aħna sibna mod ġdid kif titgħallem il-kodiċi Morse malajr. Din l-injezzjoni ġġibek taħdem bil-25 kelma kull minuta minnufih.